MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 471/2001/1

**Perit Rene' Buttigieg**

**vs**

**Noel Scerri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin liri Maltin u 25c (Lm271.25c) rapprezentanti danni sofferti mill-attur f'incident stradali tal-11 ta' Lulju 1999, konsegwenza ta' sewqan traskurat u negligenti tal-konvenut, li inoltre kkawza l-incident pero' ma huwiex involut fl-istess incident, fis-sens illi l-attur habat ma terzi frott tas-sewqan negligenti tal-konvenut li kien qed isuq vettura EAQ-386

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzoni u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-incident in kwistjoni sehh minhabba tortijiet imputabbli lill-attur.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz, id-danni reklamati huma kontestati.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra

Illi l-kollizzjoni in dezamina si tratta ta' kollizjoni mhux wahda ta' okkorrenza solita. Di fatti, il-kawza mhux bejn zewg sewwieqa li habtu, izda bejn vettura li habtet verament u vettura terza li qed jigi allegat kienet il-kagun ta' l-incident.

'Ex admissis', saret habta bejn vettura EAL-263 tal-attur u LAB-217 ta' terza persuna cioe Audrienne Triganza. Il-konvenut EAQ-396, flimkien max-xhud tieghu, jallegaw li ma hemm involut f'xejn fil-kollizzjoni izda raw semplicement il-habta issir.

L-attur jallega li l-konvenut hariglu minn fuq stop, ghadda 'wrong-way', u biex jevitah dahal fil-vettura LAB-217 – mhux involuta fil-kawza. Il-konvenut jallega li waqqaf fuq l-stop sign, ra lit-terza vettura wieqfa, u l-attur baqa diehel go fiha.

Fuq zewg versjonijiet totalment opposti ghal xulxin, it-Tribunal kien ikollu bicca xoghol ferm komplikata biex jaqtaghha li kieku ma kentix ghax-xhieda tas-sewwieqa tat-terza vettura. Ix-xhieda taghha tramite affidavit ma gietx kontestata mill-konvenut.

Kienet miexja, mhux wieqfa, rat lil konvenut johrog minn fuq stop minghajr ma jieqaf, tela' fl-istess direzzjoni

taghha.  L-attur biex jevitah – ghax kien wrong-way, kiser ghal fuq dan ix-xhud okulari.

It-Tribunal ma jirravisa xejn fis-sewqan ta' din it-terza persuna li seta' b'xi mod jew iehor, ikkagunat jew ikkontribwiet ghas-sinistru.  L-attur kull ma ghamel huwa li pprova jevita habta mal-konvenut, irnexxielu izda spicca habat ma' vettura ohra.  Il-konvenut sporgja ruhu minn kantuniera, wara stop sign, minghajr ma ha d-debiti prekawzjonijiet.  Huwa rrenda ruhu ta' perikolu lil-terzi utenti fit-triq.  Mhux talli fixkel il-'free flow of traffic' gja ezistenti fit-triq, izda ghadda 'wrong way' ukoll biex ikompli jaggravaha.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici jikkundannah ihallas is-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm271.25), kif mitluba, bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

--------------------------------TMIEM--------------------------------